StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET SENA** **STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI)** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem: ________________________** **Klassi:________________________**

**Taqsima A**

Imla l-vojt b'dawn il-kliem:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| identità Maltija | tolleranti | mass media | għaqdiet volontarji | turiżmu |
| kooperattiva | Id-dmir | karta tal-identità | opinjonijiet | multi-kulturali |

1. Permezz tal-__________________________ nikkomunikaw ma' xulxin.
2. In-negozju li jwaqqfu l-ħaddiema bejniethom billi jaqsmu l-ispejjeż u l-profitti jissejjaħ ________________________.
3. Bniedem li jaċċetta lil dawk differenti minnu jissejjaħ ________________.
4. Il-ġabra ta' drawwiet u tradizzjonijiet u l-lingwa ta' pajjiżna jagħtuna___________________________.
5. Id-________________ huwa dak li inti mistenni tagħmel bħala ċittadin li tgħix f'pajjiż.
6. Fuq il- ___________________________ nsibu informazzjoni dwarna infusna.
7. __________________________jikkonsistu minn nies li jaħdmu bla ħlas.
8. Għandek taċċetta l-___________________ tal-oħrajn anke jekk dawn ma jaqblux miegħek.
9. Bin-numru kbir ta' barranin li għandna f'pajjiżna qed insiru pajjiż ___________________________.
10. Ħafna pajjiżi bħal tagħna fil-Mediterran jirsistu biex ikabbru l-industrija tat-________________ għax dan iħalli ħafna qligħ għall-pajjiżi.

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

"Il-5 membri permanenti tal-Ġnus Magħquda (iċ-Ċina, Franza, Ir-Renju Unit, Ir-Russja u l-Istati Uniti), li suppost iżommu kont tas-sigurtà internazzjonali u r-relazzjonijiet ta' paċi bejn il-ġnus, jesportaw 88% ta' l-armi konvenzjonali kollha tad-dinja. Kull sena jintefqu 966 biljun dollaru Amerikan fl-armi, filwaqt li 756 biljun ikunu biżżejjed biex jintlaħqu l-hekk imsejħa Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millenju u biex tkompli l-ġlieda kontra l-ġuħ, l-illitteriżmu, il-mard u l-faqar." *(Ewkopedia-2008)*

1. Liema huma l-pajjiżi membri permanenti tal-Ġnus Magħquda?

_______________________________________________

_______________________________________________(5)

2. X'inhu l-għan tal-Ġnus Magħquda u l-membri tagħha?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(3)

3. Kemm jintefqu flus fl-armi kull sena?

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

4. X'tista' tagħmel minfolk b'dawn il-flus? Agħti **ERBA'** eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. X’taħseb li huwa l-ikbar ostaklu biex jitnaqqas it-tixrid ta’ l-armi?

_______________________________________________________________

_____________________________________________________________(3)

6. Agħti **TLIET** soluzzjonijiet kif il-problema tal-kummerċ tal-armi fid-dinja ma jkomplix iseħħ aktar.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_____________________________________________________________(3)

7. Fis-sena 2000 ħafna pajjiżi qablu mal-Għanijiet tal-Millenju. X’inhuma dawn l-Għanijiet tal-Millenju?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_____________________________________________________________ (5)

**(25 marka)**

**Taqsima Ċ**

**Agħti tifsira ta’ dawn il-kliem.**

1. Solidarjetà

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

2. Servizzi tas-saħħa

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Settur sekondarju tal-ekonomija

___

___

4. Libertà

___

___

5. Poliklinići

___

___

**(5x2=10 marki)**

**Taqsima D**

Kieku int x'tagħmel f'dawn is-sitwazzjonijiet?

1. Tiltaqa' ma' persuni li qed jieħdu d-droga.

___

___

2. Tara l-ħabiba/ħabib tiegħek tisker/jisker.

___

___

3. Tal-ħanut tinsa/jinsa tagħtik/jagħtik irċevuta.

___

___

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. Titla' mara anzjana fuq il-karozza tal-linja u ma ssibx post fejn toqgħ[illegible] bil-qiegħda.

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Tisma' programm fuq ir-radju fejn jistiednek/tistiednek tipparteċipa.

_______________________________________________

_______________________________________________

**(5x2=10 marki)**

**Taqsima E**

Biex is-servizzi tas-saħħa jkunu jistgħu jagħtu s-servizz bżonnjuż tagħhom huwa importanti li jkunu mmexxija minn nies professjonali u li jkunu mħarrġa sew fix-xogħol tagħhom. X'tip ta' xogħol jagħmlu dawn?

1) Tabib _______________________________________________

_______________________________________________

2) *Social Worker* _______________________________________________

_______________________________________________

3) Infermiera _______________________________________________

_______________________________________________

4) Fiżjoterapista _______________________________________________

_______________________________________________

5) Psikjatra _______________________________________________

_______________________________________________

**(5x2=10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F**

Ħares lejn din l-istampa u ikteb fl-ispazju pprovdut għalxiex jintuża dan is-servizz. Saħħaħ it-tweġiba tiegħek bi **TLIET** eżempji.

**Support Line 179**




**(7,1,1,1 = 10 marki)**

**Taqsima Ġ**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwarha.**

1. X'inhi *trade union*? Iddiskuti billi tagħti l-eżempji.
2. Semmi **TLIET** drittijiet u **TLIET** dmirijiet li għandu l-konsumatur u ddiskutihom.
3. Ikteb dwar xi proġett li għamilt l-iskola din is-sena, xi ħarġa kulturali jew xi attività li ħadt sehem fiha u għid kif din għinitek tiżviluppa l-ħiliet tiegħek.

**(25 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers